MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 276/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**David Gauci u Direttur tas-Servizzi Veterinjarji**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-Korporazzjoni li talbet lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenuti jhallsu lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett elef, seba' mija u ewro u erbatax-il centezmu (€3,701.14), rapprezentanti danni minnhom jew min minnhom kkagunati f'*cable* tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici, liema incident sehh nhar is-17 ta' April, 2004 gewwa Triq il-Biccerija, Marsa u kif ukoll tal-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' April, 2006.

Ra r-risposta tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, li eccepixxa illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju, it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal, bl-ispejjes kontra l-istess Korporazzjoni attrici.

Illi, minghajr pregudizzju u fil-mertu, l-esponenti m'ghandu ebda responsabbilita' fir-rigward tal-incident in kwistjoni.

Illi, ukoll minghajr pregudizzju u fil-mertu, il-Korporazzjoni attrici fil-fatt ma soffriet ebda danni fl-incident li sar referenza ghalih fit-talba odjerna u ghalhekk mhi intitolata ghal ebda danni kif qed tippretendi l-istess Korporazzjoni attrici.

Ra r-risposta tal-konvenut David Gauci, li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontirh u dan stante illi:-

1. fl-ewwel lok, ma tezisti ebda relazzjoni guridika fuq il-mertu mill-eccipjent David Gauci, la mal-Korporazzjoni attrici u anqas mal-konvenut l-iehor;

2. Illi, fil-mertu, l-ebda hlas jew danni m'huma dovuti mill-konvenut David Gauci stante illi x-xoghol indikat fit-talba ma sarx la mill-konvenut David Gauci u anqas minn persuni mqabbda minnu.

Ghaldaqstant, l-esponent talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju jew li t-talbiet jigu michuda.

Bl-ispejjes kontra l-Korporazzjoni attrici jew il-konvenut l-iehor.

Ra n-nota li biha gietipprezentata eccezzjoni ulterjuri, u cioe' li l-azzjoni attrici hija preskritta.

Ra li d-Direttur tas-Servizzi Veterinarji rtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, wara li l-Korporazzjoni attrici esebit ittra ufficjali sabiex tirribatti din l-eccezzjoni.

Ra x-xhieda ta' PS 1067 Mario Spiteri, li kkonferma r-rapport li kien ghamel fis-17 ta' April, 2004 fejn kienu qed isiru xi xogholijiet hdejn il-biccerija, l-Marsa. Kellha tithaffer toqba sabiex issir xatba, u ntlaqat *cable* tad-dawl, bir-rizultat li kien mar id-dawl. It-toqba kienet saret hdejn il-grada principali tal-biccerija. Jikkonferma wkoll li kien tkellem mal-Perit Joseph Camilleri u dan kien qallu li ma kienitx saret applikazzjoni sabiex isiru dawn ix-xogholijiet u ghalhekk minn dak li qallu l-Perit ma kienx hemm permessi.

Ra x-xhieda ta' Joseph Formosa, li jokkupa l-kariga ta' Foreman mal-Korporazzjon attrici u huwa stazzjonat fid-distrett ta' Hal Luqa.

Jikkonferma li kien intlaqat *cable* tal-Korporazzjoni fis-17 ta' April, 2004 u wara li rcieva r-rapport kien nizel fuq il-post tal-incident, li kien sehh, kantuniera ma' Triq il-Biccerija u hemm kien sab lill-konvenut David Gauci li kien qed jaghmel xi xogholijiet u li kien gie nkarigat minn Joseph Camilleri, li kien il-Perit tal-biccerija.

Kienet ser tigi installata grada gdida quddiem il-biccerija u waqt li kien qed isir it-thaffier intlaqa' *high tension cable*.

Jikkonferma li ma kienx hemm permessi sabiex isir thaffir ghall-installazzjoni ta' din il-grada.

Fuq talba tal-Pulizija, kien ikkonferma li l-*cable* kellu daqqa u dan ikkonfermah wara li haffer 'l isfel,

Peress li l-*cable* kien jinstab taht hajt, kellhom ihaffru trinka sabiex johorgu l-*cable*.

Jikkonferma li l-hsarat kienu jammontaw ghal tlett elef, seba' mija u Euro tnax-il centezmu (€3,701.12).

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Minkejja li l-konvenuti lkoll ipprezentaw ir-risposta taghhom bl-eccezzjonijiet ghat-talbiet attrici, naqsu milli jipproducu l-provi taghhom.

L-unici xhieda li taghti dawl fuq il-fatti kif graw, kienu PS 1067 Mario Spiteri, li kkonferma li kien intlaqat *high tension cable*, fejn il-biccerija u dan sehh wara li David Gauci, kuntrattur privat, kien gie ordnat ihaffer sabiex tigi nstallata grada gdida u din l-ordni harget mill-Perit Joseph Camilleri, il-Perit tal-biccerija.

Gie kkonfermat kemm mis-surgent, kif ukoll minn Joseph Formosa, li dawn ix-xogholijiet kienu saru minghajr permessi ghaliex ma kienet saret applikazzjoni sabiex jitwettqu dawn ix-xogholijiet.

Ma saret l-ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenuti, fuq dan il-fatt u ghalhekk f’dan il-kaz  jirrizulta li x-xogholijiet saru fuq ordni tad-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, li naqset li tapplika ghal permessi, kif tirrikjedi l-ligi u fl-istess waqt, il-konvenut Gauci obda l-istess ordni minghajr ma accerta ruhu li l-permessi kienu jezistu u fil-process ikkawza il-hsara lamentata. Ghalhekk it-Tribunal ser jibbaza d-decizjoni tieghu fuq dak li sema’, mill-provi li gew prodotti mill-Korporazzjoni li jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-Korporazzjoni s-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u Euro u erbatax-il centezmu (€3,701.14),bl-ispejjes kontra l-konvenuti  u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------